**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ĦDAX**

**9 TA' APRIL, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**
-

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

Qabel bdiet is-seduta numru 11, saret il-laqgħa tal-Komunita.

***<u>Suġġett Proġett ta' Vjal il-Kulħadd f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra</u>***.
Kien hemm preżenti 12 -il persuna, fosthom il-Perit Azzopardi minn Vjal il-Kulħadd, biex tispjega l-proġett ta' Misraħ Santa Marija f'Bubaqra. Tqassmet pjanta tal-proġett u intwera power point fuq screen ta' dak kollu li ser isir.
Il-Perit qalet li l-pjanti saru biex il-proġett isir bl-anqas impatt possibbli għar-residenti. Il-parkeġġ barra li nżamm kollu, żdied parkeġġ ieħor. Ir-residenti ma ġewx affettwati u fl-istess ħin b'dak li ser isir il-valur tal-propjeta tal-Misraħ ġejja tiswa iżjed u r-residenti ser ikollhom ambjent aħjar.
Minħabba li r-residenti li kienu preżenti ma ridux li Triq it-Torri ssir one way, kien hemm qbil li Triq it-Torri tibqa two way.
Il-biża tar-residenti kien il-bar Nassaba, li kif isir it-tibdil fil-pjazza, Nassaba bar jkollu aċċess aħjar biex ipoġġi mwejjed u siġġijiet u dan ma jriduħx.

F'dan il-punt ir-residenti preżenti ressqu petizzjoni minħabba li fil-pjanta hemm nuqqas ta' parkeġġ, nuqqas ta' aċċess għar-residenti, il-ħsejjes li jagħmlu l-vetturi u l-pollution tagħhom u minħabba n-nuqqas ta' konsultazzjoni mar-residenti, qabel isir il-proġett.
F'dan il-punt kien hemm qbil li rappreżentanti ta' Vjal il-Kulħadd jerġgħu jitkellmu mal-Kunsill għal triq 'il quddiem.

***<u>Suġġett – Installazzjoni ta' cctv fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq l-Imqabba</u>***
Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll grupp ta' 8 residenti oħra minn Vjal il-Blue Grotto. Dawn tkellmu fuq in-nuqqas ta' qbil fuq cctv fi Vjal il-Blue Grotto, li l-Kunsill Lokali qabel li jinstalla. Dan minħabba nuqqas ta' privatezza tar-residenti. Huma sostnew li m'hemmx għalfejn il-Kunsill jirrikorri biex jagħmel cctv, imma hemm bżonn li jeduka lin-nies, biex isuqu u jipparkjaw tajjeb. Dawn ir-residenti u oħrajn għamlu petizzjoni biex is-cctv ma issirx, fiha hemm firem ta' residenti u ta' sidien ta' ħwienet minn Vjal il-Blue Grotto.

Il-laqgħa annwali intemmet fis-18:30.

**Minuti ta' seduta numru 11.**

| | | |
|---|---|---|
| **11.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 11.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **11.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 11.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-għaxar seduta.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li jeħtieġ li fil-ġonna jiġu miżruha l-fjuri staġjonali. |
| | | |
| ***11.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 11.3.1 | | Fuq Jum iż-Żurrieq is-Sindku tat dawn in-noti:<br>• F'Jum iż-Żurrieq 1 ta' Ġunju ser ikun hemm ġirja filgħodu u quddies filgħaxija;<br>• tat nota lill-kull kunsillier bil-lista ta' ismijiet fuq il-bord tal-għażla taċ-ċittadin ewlieni. Kien hemm qbil fuq din il-lista ta' persuni magħżula mis-Sindku.<br>• Fis- 7 u 8 ta' Ġunju ser ikun hawn attività Żurrieq Fest – Mil-baħar u mill-art. |
| | | |
| 11.3.2 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Fit-8 u 9 u 10 ta' Mejju, ser ikun hawn laqgħa tal-Paċi.<br>• F'San Girgor ser ikun hawn attività għall-anzjani.<br>• Saret laqgħa fejn kienu preżenti s-Sindku u l-Kunsillier Kenneth Farrugia. Din kienet fuq l-iskart, fejn il-Kunsill ġie infurmat li Iż-Żurrieq hu l-aktar raħal li jiġbor skart organiku |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 11.3.3 | | Is-Sindku staqsiet fil-Kunsill fuq dak li tkellmu r-residenti ta' Vjal il-Blue Grotto, waqt il-laqgħa annwali, fir-rigward tas-cctv. Hi qalet li qatt ma kienet qablet li din is-cctv għandha issir.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jeħtieġ li l-Kunsill jerġa jipprova jitkellem mal-community police u uffiċċjali tal-LESA fuq infurzar fl-akwata.<br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li jekk ir-residenti ma jridux li ssir cctv fl-akwata, din m'għandix issir.<br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Kunsill għandu jitlob lil TM biex jagħtu Traffic management minflok cctv u jiġu avżati li l-Kunsill u r-residenti ma jaqblux li ssir cctv fl-akwata u li hemm bżonn li TM jiġu fuq il-post u jaraw il-każ biex jagħtu soluzzjoni oħra.<br>Il-Kunsillier Marisa D'amato ssuġġeriet li tikber il-bankina quddiem il-ħwienet fi Triq l-Imqabba k/m Vjal il-Blue Grotto biex ma jkunx hemm vetturi li jipparkjaw ħażin.<br>Kien hemm qbil li l-proċess tas-cctv jitwaqqaf u l-Kunsill jitlob lill-TM jagħti soluzzjoni oħra mingħajr cctv. |
| | | |
| 11.3.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jixtieq ineħħi d-delega tiegħu li jieħu ħsieb il-fondi tal-EU, minħabba li tinvolvi ħafna xogħol li hu mhux ser ilaħħaq miegħu u għalhekk talab lis-Sindku biex tneħħilu dan id-dekasteru. Is-Sindku aċċettat it-talba tal-Kunsillier u staqsiet jekk iridx dekasteru ieħor. F'dan il-punt ħadd ma ried id-dekasteru ta' fondi Ewropej u ma kienx hemm deċiżjoni ta' x'dekasteru ser jingħata lill-Kunsillier Dino Bonnici minflok dak li kellu. |
| | | |
| ***11.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 11.4.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li Zurrieq Wolves qed jitlobu li l-Kunsill jagħti l-għajnuna lill-klabb biex 20 persuna isifru Amsterdam għal tournament tal-football tal-veterani.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill jagħmel tajjeb meta jagħti l-għajnuna lill-entita li tkun qed tirrappreżenta l-lokalita barra minn xtutna imma xorta ma jistax jagħti sponsorship. Hu żied jgħid li f'dan il-każ din l-assoċjazzjoni trid eżatt l-istess ammont ta' flus daqs kemm il-Kunsill ta lil assoċjazzjoni oħra. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li filwaqt li dejjem jimxi mat-twemmin tiegħu li l-Kunsill għandu jgħin lill-assoċjazzjoni li ser tkun qed tipparteċipa barra minn Malta u tmexxi liż-Żurrieq 'l quddiem, f'dan il-każ, l-ammont mitlub hu kbir wisq għall-ammont ta' persuni involuti. Hu qal li l-ammont mitlub għandu jiġġustifika skont l-ammont ta' persuni li ser ikunu qed jipparteċipaw.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li jinxtraw il-gerijiet u tracksuits tal-atleti wara li jinġibu 3 stimi fuq dawn u li l-Kunsill iħallas lill-istabbiliment minn fejn ser jinxtraw. |
| | | |
| 11.4.2 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li fi Triq Sant Agatha hemm bżonn li jinqata l-ħaxix. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 11.4.3 | | Il-Viċi Sindku qal li fil-leġislatura l-oħra saret esebizzjoni tal-arti mingħand persuna miż-Żurrieq fil-Mitħna tax-Xarolla. Il-ġimgħa l-oħra hu u l-persuna li kienet tellgħet l-esebizzjoni, marru fil-Mitħna tax-Xarolla u sabu 6 pitturi neqsin. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill iħallas tal-pitturi li insterqu.<br><br>Kien hemm qbil li ġaladarba din l-esebizzjoni saret madwar sentejn ilu u li l-esebitur kienet infurmata biex tiġbor il-pitturi, in-nuqqas hu min-naħa tagħha li ma għamlitx dan u ħalliet sentejn biex tiġborhom.<br><br>Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku jinforma lill-persuna li għamlet l-esebizzjoni biex tagħmel rapport l-għassa u li l-Kunsill m'għandux iħallas għal dak li qed jiġi allegat li insteraq. |
| | | |
| 11.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq x'qed isir fi Vjal il-Blue Grotto. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed isir xogħol ta' drenaġġ ġdid. Il-Kunsillier Dino Bonnici insista li meta titkisser triq biex isir servizz, din għandha ssir bit-tarmak it-tul u l-wisa tat-triq kollha. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb fuq dan. |
| | | |
| 11.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li l-Kunsill joħroġ avviż fuq fb page biex ma jitħallewx vetturi startjati waqt li jkunu qed jinqdew mill-ħwienet. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Jeremy Coleiro ħareġ mis-seduta fit-20:00 |
| | | |
| 11.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>Triq Greorio Durante hemm garage li għandu double yellow lines imma l-vetturi xorta qed jipparkjawlu u qed jagħmlu ħsara lir-residenza tiegħu. Kien hemm qbil li issir bollard waħda biex tipproteġi l-faċċata tar-resident. |
| | | |
| 11.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li fil-cat cafe bdew jiddaħħlu l-qtates. Dawn qabel ma jiddaħħlu qed jiġu neutered u iċċekkjati kontra kull mard. Hi qalet li irid isir distinzjoni bejn qtates li qed jieħdu ħsieb il-feeders fir-raħal u oħrajn li veru huma fi bżonn li jinġabru. Mhux kull qattus li hemm fit-triq ser jinqabad u jidħol fil-cat cafe.<br>Id-data tal-ftuħ ser tkun 31 ta' Mejju fl-10:00.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hemm bżonn li l-marki tat-toroq ta' Triq il-Belt Valletta quddiem il-cat cafe jsiru kif hemm quddiem il-fabbrika, aktar 'l fuq fl-istess triq. |
| | | |
| 11.4.6 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hemm bżonn li ssir attività medjevali f'Ħal Millieri. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 11.4.7 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut tablet li:<br>• jiżdiedu parkeġġi fi Triq Zakkarija Ronkali u jintalab traffic management fl-akwata.<br>• Jeħtieġ li jitneħħa l-ħaxix selvaġġ minn Triq Sant Agatha.<br>• Staqsiet meta ser issir Triq 25 ta' Novembru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi waħda mil-lista ta' toroq li ingħatat lill-IM.<br>• Staqsiet jekk hemmx żvilupp fuq il-barumbara – Is-Sindku qalet li s-sidien qed jitkellmu mal-Ministeru.<br>• Triq Guzeppi Mattew Callus quddiem ħanut tal-merċa biex issir tabella biex inaqsu il-veloċita. |
| | | Il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta fit- 20:00 |
| | | |
| ***11.5*** | | ***Direzzjoni tat-traffiku fi Triq Filippu Farrugia*** |
| | | |
| 11.5.1 | | Kif kien hemm qbil f'seduti preċedenti l-Kunsill Lokali bagħat ittra bieb bieb fi Triq Filippu Farrugia u inħareġ dan l-istħarriġ:<br>a. Direzzjoni waħda minn Vjal l-Indipendenza lejn Triq Inglott - resident 6<br>b. Direzzjoni waħda minn Triq l-Isqof Alferan sa Triq Inglott - resident 19<br>c. Kollox jibqa kif inhu. – resident 7<br><br>Irrispondew 32 resident.<br>6 għażlu a<br>19 għażlu b<br>7 għażlu c<br><br>Il-maġġoranza jridu li Triq Filippu Farrugia tiġi b'direzzjoni waħda minn Triq l-Isqof Alferan sa Triq Inglott.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-TM għall-approvazzjoni. |
| | | |
| ***11.6*** | | ***Proġett fi Triq Gervase Matthew*** |
| | | |
| 11.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-proposta li għamel il-Perit Toni Bezzina fuq il-proġett tal-Kunsill fi Triq Gervase Matthew. Il-Perit Bezzina kien preżenti biex ifhiem lill-Kunsill il-pjanti li ħejja. Kien hemm qbil li jinbeda l-proċess ta' permessi. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lil-perit jagħti stima tal-proġett kemm ser jiġi jiswa.<br><br>Is-Sindku qalet li qed tissuġġerixxi li titkellem mal-kuntrattur li kien ser jgħati post fi Triq il-Passju.<br>Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li l-Kunsill jista jkellem ukoll lill-PW biex jagħti l-għajnuna fuq il-bini tal-binja. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***11.7*** | | ***MK67/02/2024 – Works Tender for the Embellishment of Misraħ il-Karmelitani, Iż-Żurrieq.*** |
| | | |
| 11.7.1 | | Dan l-item ser jerġa jittella f'seduta oħra għaliex il-proċess fuq l-għażla għadu għaddej. |
| | | |
| ***11.8*** | | ***Skemi ta' Finanzjament*** |
| | | |
| 11.8.1 | | **SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva finanzjarja ta' lokalitajiet aktar nodfa -**<br>Kien hemm qbil li jsir it-tindif bħal ma jsir kull sena fl-akwati tal-Ġnien tal-Ġibjun, bl-għajnuna u flimkien mar-Reġjun Punent.<br>**SPI/SCI/04/2025** – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għall-attivita tal-Milied 2025 li ser issir f'Diċembru.<br>**SPI/SCI/05/2026 –** Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2026.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali japplika fuq l-istess bażi tal-attivita tal-Karnival li sar f'din is-sena.<br>**SPI/SCI/07/2025 –** Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika biex isir il-proġett ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena, li diġà ħadem il-pjanti tiegħu l-perit. |
| | | |
| ***11.9*** | | ***Attivitajiet Kulturali Fondi mir-Reġjun*** |
| | | |
| 11.9.1 | | Ir-Reġjun Punent ħareġ skemi ta' Fondi – **Programmazzjoni Qasam Kulturali 2025**<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali japplika għall-attivita tal-Kunċert tas-snien 90 li ser jiġi mtela fid-19 ta' Settembru, 2025 f'Misraħ Repubblika u għal Fun Run li issir f' Jum iż-Żurrieq. |
| | | |
| 11.9.2 | | INIZJATTIVA FINANZJARJA GĦAL TINDIF KBIR FIL-LOKALITA – Dawn il-fondi qed joħroġhom Ir-Reġjun Punent. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika biex inaddaf art li tinsab fi Triq il-Wied int hu nieżel lejn Wied iż-Żurrieq fuq ix-xellug. Din wara li titnaddaf, jitpoġġa l-ħamrija nadifa fiha u jkunu jistgħu jitħawlu xi siġar. |
| | | |
| 11.9.3 | | Ir-Reġjun Punent ħareġ skemi oħra ta' talbiet ta' fondi lill-Kunsilli Lokali tar-reġjun tiegħu.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq japplika għal għajnuna fuq:<br>• Fun run u promozzjoni ta' Sport – li issir fl-1 ta' Ġunju,<br>• Serata Mużiko Letterarja f' Għeluq l-anniversarju tal-mewt ta' Fracis Ebejer u għeluq il-mitt sena mit-twelied tiegħu<br>• Proposta Avvenimenti Kulturali – kalendarju 2026 bil-logħob tradizzjonali malti. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***11.10*** | | ***Pjan ta' Ħidma 2024 – 2028 – rivedut f'April 2025*** |
| | | |
| ***11.10 .1*** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Pjan ta' Ħidma 2024-2028 rivedut.<br>Dan ġie approvat. |
| | | |
| | | |
| ***11.11*** | | ***Rapport finanzjarju ta' kull kwart – l-ewwel kwart tas-sena*** |
| | | |
| 11.11 .1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena. Dan ġie approvat biex jintbagħat lid-DLG. |
| | | |
| ***11.12*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***11.13*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 11.13 .1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• F'Novembru 2024 IM għamlet fost l-oħrajn Triq Karmnu Zammit bit-tarmak ġdid. WSC fi Frar 2025 (xaharejn wara li tlestiet it-triq) fetħet żewġ bnadi mit-triq biex issewwi ħsarat) WSC qed titlob lill-Kunsill biex jaċċetta li l-patching isir il-wisa tat-triq kollha imma t-tul ma jkunx tat-triq kollha kif ġie ssuġġeriet mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa jsostni li t-tarmak jerġa jsir tul u wisa tat-triq kollha.<br>• Persuni minn Triq Sant Andrija kitbu lill-TM biex it-triq issir 'One way', dan sabiex jitneħħew id-double lines li saru minn TM stess u jagħtu aċċess għal aktar parkeġġ. TM qed titlob lill-Kunsill jagħti l-veduti tiegħu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-TM fejn jgħid li l-Kunsill mhux qed jara soluzjoni għal dan il-każ u għalhekk qed jitlob lill-TM biex tagħti direzzjoni hi.<br>• Familja Psaila fi Trejqet il-Barrieri qed titlob kaxxa safra quddiem il-bieb tad-dar tiegħu għaliex ta' spiss ikollu bżonn jidħol u joħroġ l-isptar. U oħra fi Triq il-Qrendi qed jitlob kaxxa safra quddiem ir-residenza tagħha. Kien hemm qbil li jintalbu ċertifikat mediku, ħalli jkunu ivverifikati dawn iż-żewġ każijiet u jerġgħu jitressqu f'seduta oħra.<br>• Persuna li toqgħod 42 Triq San Bartilmew qed tilmenta li għalkemm quddiem ir-residenza tagħha hemm id-double yellow lines xorta qed jipparkjaw il-vetturi, bil-konsegwenza li qed ikun imblukkat milli joħroġ mid-dar tiegħu stess. Qed jitlob li ssir flexible bollard tal-plastik biex il-vetturi jżommu d-distanza. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill irċieva korrispondenza biex isir it-tieni volum tal-ktieb 'Iż-Żurrieq u sbuħitu'. Talbu lill-Kunsill jekk hux lest li joħroġ l-ispejjeż tal-ktieb. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fuq talba tal-ex kunsillier li kien ippropona biex il-Kunsill jerġa jordna iżjed kopji tal-ewwel edizzjoni, minn dawk ordnati ma inbiegħ l-ebda ktieb u fil-garage tal-kunsill hemm diversi kaxxi bil-kotba li jammontaw għal aktar minn 6,600E. Is-Sindku issuġġeriet li tali |

| | | |
|---|---|---|
| | | kotba jinbiegħu fl-attivita ta' Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li jonqos il-prezz tal-ktieb minn 15E għal 10E u li tali talba għal spejjeż tat-tieni volum, tkun diskussa fis-sena 2026.<br><br>• Persuna trid tpoġġi magna tal-bejgħ ta' soft drinks fi Triq Hal Far fejn il-laboratorju tal-Paċi, għal tul ta' sena sħieħa. Il-permess jiswa 23.29E biss. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti permess għal xahar u f'kull seduta jerġa jittella l-item biex il-permess jiġi imġedded jew le. Irid ikun żgurat li l-post jinżamm nadif.<br>• Persuna trid permess biex torganizza festin għat-tifel tagħha fil-ġnien tal-Ġibjun fis-27 ta' April, bejn is-14:30 u 17:30 u li ser ikollha bouncy castle armat quddiem il-guy boċċi klabb. Ġaladarba m'hemmx attività oħra, il-Kunsill jagħti permess, ġaladarba l-persuna tkun responsabbli għal ħsarat, tindif u sorveljanza minħabba l-periklu għat-tfal. Dan għal ħlas ta' 35E. |
| | | |
| 11.13 .2 | | Il-Kunsill Lokali rċieva komunikazzjoni mid-Direttur tal-Gvern Lokali, fejn ġie mistoqsi jekk iridx jagħmel ġemellaġġ ma' Zhoushan fiċ-China. Kien hemm qbil li jkun hemm att ta' ħbiberija, minflok ġemellaġġ mill-ewwel, dan minħabba li l-Kunsill mhux f'pużizzjoni finanzjarja tajba biex jagħmel infieq fuq ġemellaġġi. |
| | | |
| | | |
| 11.8. 4 | | **MONTI FIŻ-ŻURRIEQ**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qed tirċievi ilmenti minn residenti li joqgħodu fejn jarmaw il-monti, biex dan jiċċaqlaq ħalli ma jkomplux ibgħatu bil-problemi tal-monti. Fis-17 ta' April, ser issir laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq dan il-każ. |
| | | |
| ***11.9*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 11.9. 1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 46. |
| | | |
| ***11.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 11.11 .1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' €90,110.08<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Marylyn Sammut u Daniel Muscat. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***11.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 11.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju, 2025, fis-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' MEJJU, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**